

Brussell, 15 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14099/20

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0136(COD)

CADREFIN 454
RESPR 84
POLGEN 230
FIN 967
CODEC 1358

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 843 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 843 final.

Mehmuż: COM(2020) 843 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.12.2020
COM(2020) 843 final

2018/0136 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni

1. SFOND

Data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (dokument COM(2018) 324 final – 2018/0136 COD):	2 ta' Mejju 2018.
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	18 ta' Settembru 2018.
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:	4 ta' April 2019.
Data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata:	M/A
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	14 ta' Diċembru 2020.

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġu stabbiliti r-regoli neċessarji għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri.

Jenħtieġ li l-Unjoni Ewropea jkollha l-possibbiltà li tadotta miżuri xierqa f'każijiet bħal dawn, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' trasparenza u proporzjonalità.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill kif adottata fl-ewwel qari tirrifletti bis-sħiħ il-qbil politiku li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-5 ta' Novembru 2020. Il-Kummissjoni tappoġġa dan il-ftehim. Il-punti ewlenin ta' dan il-ftehim huma kif ġej:

- Bidla fit-terminoloġija minn “nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri” għal “ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt”: Żdied lingwaġġ li jiċċara li l-mekkaniżmu jista' jintuża wkoll biex jindirizza ksur sistemiku (li jkun mifruq jew minħabba prattiki rikorrenti jew omissjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi, jew minħabba miżuri ġenerali). Barra minn hekk, hija enfasizzata l-komplementarjetà mar-regoli applikabbli speċifiċi għas-settur u dawk finanzjarji.

- Dimensjoni preventiva għall-mekkaniżmu: huwa ċarat li jistgħu jittieħdu wkoll miżuri f'każ ta' ksur li "jirriskja serjament li jaffettwa" l-ġestjoni finanzjarja tajba jew l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-kwalifika "serjament" ma kinitx fil-proposta tal-Kummissjoni, iżda hija aċċettabbli peress li d-dimensjoni preventiva tal-mekkaniżmu hija ppreservata.
- It-tiżni tal-protezzjoni tal-benefiċjarji finali permezz ta' obbligi għall-Kummissjoni biex tipprovdi informazzjoni u gwida. Il-Kummissjoni se tagħmel l-almu tagħha biex tiżgura li l-ammonti dovuti jitħallsu b'mod effettiv mill-Istat Membru kkonċernat (bl-użu ta' mekkaniżmi eżistenti). Dan isahha il-protezzjoni tal-benefiċjarji u r-riċevituri finali, f'konformità mal-proposta.
- Proċedura biex jiġu adottati u jitneħħew il-miżuri u l-bidla tal-maġġoranza applikabbli fil-Kunsill: Il-proċedura ġiet issimplifikata biex jiġi żgurat mekkaniżmu effettiv u rapidu filwaqt li jiġi ppreservat id-dritt tal-Istati Membri kkonċernati li jinstemgħu. Il-Kunsill se jiddeċiedi permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata (il-Kummissjoni pproponiet maġġoranza kwalifikata inversa). Premessa u artikolu jfakkru li l-Kummissjoni tista' tuża l-prerogattivi istituzzjonali tagħha bil-ħsieb li tiżgura li l-Kunsill jikkonforma mal-obbligu tiegħu li jieħu deċiżjoni. Il-modifiki jżommu l-effettività ġenerali tal-mekkaniżmu u jppreservaw l-awtonomija istituzzjonali tal-Kummissjoni.
- "Sistema ta' sospensjoni": Premessa minnhom tispjega li b'mod eċċezzjonali l-Istat Membru kkonċernat jista' jitolb lill-President tal-Kunsill Ewropew jirreferi l-kwistjoni lill-Kunsill Ewropew. Fil-każ li jiskatta dan il-pass politiku, fil-prinċipju ma tittieħed l-ebda deċiżjoni mill-Kunsill sakemm il-Kunsill Ewropew ikun iddiskuta l-kwistjoni. Jenħtieġ li din id-diskussjoni ssir fi żmien massimu ta' tliet xhur. Il-Kummissjoni taċċetta dan il-kompromess peress li jipprevedi diskussjoni politika li ma tinvolvi pass formali fil-proċedura jew l-involvement tal-Kunsill Ewropew fl-implimentazzjoni tal-baġit, u ma għandux jagħmel il-mekkaniżmu ineffettiv, peress li s-setgħa tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill u r-rwol tal-Kummissjoni mhumiex affettwati.
- Żieda ta' "djalogu strutturat": Il-possibbiltà li l-Parlament jistieden lill-Kummissjoni għal djalogu strutturat dwar is-sejbiet tiegħu hija aċċettabbli.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tappoġġa r-riżultati tan-negożjati interistituzzjonali u għalhekk tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.

5. DIKJARAZZJONIJIET MILL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni għamlet dikjarazzjoni unilaterali waħda u dikjarazzjoni konġunta waħda, li jinsabu fl-appendiċi.

APPENDIĊI

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rapport tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-Regolament:

“Il-Kummissjoni taqbel li tikkunsidra li takkumpanja r-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament permezz ta’ proposti adatti meta jkun meħtieġ.”

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-inklużjoni potenzjali tal-kontenut ta’ dan ir-Regolament fir-Regolament Finanzjarju:

“Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta’ inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jikkunsidraw l-inklużjoni tal-kontenut ta’ dan ir-Regolament fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 (ir-“Regolament Finanzjarju”) mar-reviżjoni li jmiss tiegħu.”